# IL-PULIZIJA MAGAZINE

Ħarġa Vol. 10 - Nru. 3




# " PASS OUT PARADE "

# A New Star on **Malta's shore**

Hilton
Malta



We are pleased to announce the imminent arrival of a new star on Malta's shoreline. The new Hilton Malta, is destined to be Malta's leading 5 Star Hotel, with a uniquely Mediterranean design and a range of facilities, adding to the traditional Maltese Hospitality.

An Executive Floor with dedicated services and an extensive Club Lounge, our 2,500 square meter Fitness and Health Centre, 4 swimming pools, Private Beach Club, A Royal Thai restaurant - The Blue Elephant, extensive Meeting and Convention facilities and spectacular views of the Mediterranean and Marina, from almost every area of the hotel, are some of the unique attractions that await you.

Add to the above renowned Hilton service and we are certain that business or pleasure, the right choice in Malta, is the new Hilton Malta.

For further details please contact...

Hilton
Malta

Portomaso
St. Julian's STJ 02 MALTA
Telephone (356) 33 62 01. Fax: (356) 34 15 39
http://www.hilton.com



# KUMMENT EDITORJALI

Merħba għal sena ġdida u verżjoni ġdida tal-magazine 'IL-PULIZIJA' li qed jimmira li jġib lill qarrejja informazzjoni u veduti dwar il-Korp tal-Pulizija u li jkun qed jiġri madwarna.

Il-Millenju ġie u mar mingħajr diżastri li wieħed kien qed jistenna bħal dak tal-'millenium Bug'. Il-Pulizija madwar id-dinja kienu fuq alert il-ħin kollu matul dak il-perijodu u ser jibqu jkunu fuq alert minn kull theddida li qed titfaċċa s-soċjeta'.

F'din il-ħarġa ser nagħtu ħarsa lejn diversi ġrajjiet li ġraw fi'ħdan il-Korp f'dawn l-aħħar żminijiet fosthom iż-żjara ta' E.T. il-President tar-Repubbblika l-Profs Guido DeMarco lill-Korp tal-Pulizija. Rapport f'paġna 9 . Insibu wkoll li membri tal-Korp tal-Pulizija jiggradwaw fl-Universita' ta' Malta f'pagna 42. Barra minhekk insibu wkoll artikoli minn għaqdiet bħal Pulizija Pensjonanti u mill-Għaqda qraba Dipendenti. Ma jistax jonqos l-artiklu ta' L-Assocjazzjoni tal-Pulizija li f'dan l-artiklu insibu l-aħħar żviluppi dwar it-taħdidiet dwar ir-riforma fil-Korp tal-Pulizija. Minn din il-ħarġa ser nagħtu bidu għas-sensiela 'IL-KAŻ' li kien suċċess kbir fuq it-televiżjoni ta' l-istat. Ser nagħtu ħarsa lejn diversi każi li għadhom mhux solvuti u anke statistika dwar il-programm.

Nisperaw li issibu din il-ħarġa nru.3 Vol.10 ta' interess u nawguraw lill qarrejja kollha SAĦĦA U PAĊI.

## F'Din il-Ħarġa............


| | |
|---|---|
| Malta Police Association | *6* |
| Risposta għall-Artiklu fi | *8* |
| Żjara tal-President | *9* |
| Intervista mal-Kummissarju | *11* |
| Il-Każ | *16* |
| Għaqda Pulizija Pensjonanti | *19* |
| L-Għaqda qraba tal-Membri tal-Korp | *21* |
| Domestic Violence | *25* |
| Europe | *37* |
| L-aħħar Ċena fil-Kwartieri | *39* |
| No Pain..... No Gain | *42* |
| Goodbye to the White Lady | *44* |
| Sports | *47* |



**Editur**

P.S. 512 Martin Ellul

**Membri tal-Bord Editorjali**

Spettur David Saliba
Spettur Mary Muscat
P. S. 506 Charles Zammit
W.P.C. 93 Carol Fabri
W.P.C. 189 Victoria Gili
Mr. Vincent Zahra
Mrs. Doris Zammit

**Numru 3 Volum 10**
Maħruġ mill-Pulizija

Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għandha tintbgħat lill-:

***Editur " Il-Pulizija ",***
***C.M.R.U.***
***Police Headquarters,***
***Floriana CMR 02.***

Il-materjal li jiġi pubblikat f'dan il-magazine mhux bilfors jirrifletti l-opinjoni tal-Bord Editorjali.

" Il-Pulizija " tirringrazzja lid-ditti u aġenti tar-reklami li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom u nħeġġu lil qarrejja biex jagħmlu użu minnhom.




Ritratt tal-Koperatina meħud minn P.C. 516 Alfio Borg


**Issettjat u Stampat**

**PALPRINT PRESS**
**O\L OF MERCY STR., ZEJTUN.**
**TEL \ FAX: 678609**
**MOBILE 0942 6786**

# BOV Lifelink

## Life Assurance Policies

## ...the easier way to a happier retirement



- **Maximum Investment Plan**
- **Baby Bond**
- **Single Premium**
- **Growth**

BOV

The sooner you start planning for your future... the more comfortable your retirement could be. Give yourself a future to look forward to - call at your nearest BOV Branch.

FREEPHONE
0800-77-23-88

http: //www.bov.com
e-mail: bancassurance@bov.com

For more information contact: The Manager, Bank of Valletta p.l.c., Bancassurance Office, 67, South Street, Valletta VLT 11.

Name: ............ Address: ............

............ Telephone: ............

Bank of Valletta p.l.c. is an insurance sub-agent of Middle Sea Valletta Life Assurance Co. Ltd. and regulated by the Malta Financial Services Centre. Lifelink policies are issued and underwritten by Middle Sea Valletta Life Assurance Co. Ltd.

ALFA




## Air Conditioners from Sharp: the definition of absolute comfort.

*The inverter circuit allows full power operation to effectively cool (heat) rooms with greater dimensions. By operating at full power, the Quick Cooling (Heating) function enables the inverter air conditioner to reach the set temperature quicker than conventional air conditioners, thus providing immediate relief.*

*After reaching the desired temperature, the air conditioner automatically switches to low power to save energy and to regulate the temperature evenly.*

*Operational noise from the compressor is virtually eliminated as it is not turned off and on continuously. By constantly operating at low power, compressor operation noise is greatly reduced.*

**SHARP**

THE IDEAS COMPANY

Alfa Co. Ltd., The Sharp Centre, 57 Naxxar Road, B'Kara BKR 07
Telephone: 480486 • Fax: 482254

# MALTA POLICE ASSOCIATION

## *Elezzjonijiet fi ħdan l-Assoċċjazzjoni*

Conseil Europeen des Syndicats de police

Fil-bidu ta' din is-sena kellna l-elezzjonijiet fejn ġew maħtura d-diversi kumitati fi ħdan l-Assoċċjazzjoni. Għal darba oħra r-rispons mill-membri kien fqir. Xejn inkoragganti għar-rappreżentanti maħtura. Madankollu dawk maħtura m'humiex ser jaqtgħu qalbhom. Il-ħażin hu li ħafna membri ssibhom minn ta' quddiem sabiex igergru, jallegaw affarijiet mhux eżatti jew minn fuq jersqu lejn l-Assoċċjazzjoni meta jiġu fil-bżonn xi ħaġa jew sabiex jistaqsu dwar xi diffikultajiet li jkollhom. Is-sitwazzjoni ma tistax tiqba kif inhi.Il-membri hemm bżonn iqumu fuq tagħhom billi jidhru fil-laqgħat u jersqu fl-elezzjonijiet. Il-kumitat kif maħtur din is-sena hu kumitat li reġa ingħata l-fiduċ ja tal-membri preżenti fil-laqgħa sabiex ikomplu jmexxu għas-sena li ġejja Nisperaw li f'din is-sena naraw il-bidu ta' liġi ġdida li tirrigwardja l-Korp tal-Pulizija. Qed nirriferi għall-Att dwar il-Korp tal-Pulizija bħala Assoċċjazzjoni aħna nkunu avanzajna ferm meta tiġi fis-seħħ din il-liġi għal diversi raġunijiet li issa ilna nsemmu kemm waqt laqgħat li jkollna kif ukoll meta nindirizzaw lil membri li jattendu ir-refresher courses jew lir-rekluti. Il-Kumitat esekuttiv tal-Assoċċ jazzjoni hu:

President: Saliba David (Spettur)
Viċi President: Casha Antoine (Spettur)
Segretarju: Zammit Joseph (P.S. 777)
ViċiSegretarju: Mifsud David (P.C. 1601)
Teżorier: Magro Tonio (P.C. 1201)
Konsulent: Zammit Raymond (Supt.)

**Laqgħat**

Matul din is-sena ngħata bidu sabiex jinżammu laqgħat kontinwi mal-'Official Side' rappreżentanti mill-Assistent Kummissarju L. Cauchi u mis-Sur Stephen Giacchino mill-Uffiċċju tal-Istrategy and Planning. Dawn il-laqgħat qed jinżammu kull l-ewwel tnejn tax-xahar b'aġenda mgħoddija minn qabel. Qed jiġu diskussi u jingħata feed back dwar diversi suġġetti mressqa għad-diskussjoni. Jidher li qed joħroġ ġid minn dawn il-laqgħat li qed ikunu kordjali ħafna u d-diskussjonijiet qed ikunu b'mod serju u soġġettivi għal ġid tal-membri u l-effiċjenza tal-Korp. Ġie diskuss is-suġġett dwar ħinijiet ta' ROSTER ġdid. Dak suġġerit mill-Offical side ma ġiex milquħ tajjeb mill-membri tal-Korp li urew id-disapprovazzjoni tagħhom f'laqgħa li kienet inżammet apposta fejn ġie diskuss fit-tul dan is-suġġett. L-Assoċjzzjoni pproponiet Roster hi kif suġġerit mill-membri, dak ta' Night, second, first u Off. Madankollu, id-diskussjonijiet dwar dan is-suġġett jinsabu wieqfa minħabba diffikultajiet teknici dwar l-implimentazzjoni tiegħu. Fil-futur dan is-suġġett ser ikompli jiġi diskuss bl-iskop li tiġi solvuta din il-problema.

Fost suġġettl oħra diskussi li kienu fuq l-aġenda kien hemm dak dwar l-Assikurazzjoni tal-membri (life assurance) - ir-Regolamenti tal-P.S.C. - is-Civilianisation fil-Korp - il-protezzjoni kontra l-Hepatatis C - l-issue mill-Q.M.S.u titjib fil-Canteen. Bħalma wieħed jista' faċilment jinnota, fil-Canteen qed isir xogħol fil-kċina fejn ser jiġi nstallat apparat ġdid u modern. Ġie nstallat ukoll il-Cable T.V. mill-Assoccjazzjoni għal benefiċċju tal-membri. Dan kollu sar grazzi għal approvazzjoni immedjata tal-Kummissarju.

**Kontribuzzjonijiet**

Qed jintqal ħafna dwar dawn il-kontribuzzjoniet li l-membri tal-Korp iħallsu kull tlitt xhur. Ħaġa ta' l-iskantament għad hawn ħafna mħuħ mħabbla u mhux ċerti dwar il-flus li qed jitħallsu u kif inhuma maqsuma f'diversi fondi . Minkejja diversi okkazzjonijiet u kitbiet dwar dan nerġa nsemmi it-tqassim ta' dawn il-kontribuzzjonijiet: Kull MEMBRU tal-Korp jħallas LM6 kull tlitt xhur skond l-Avviz Legali Nru. 14/ 60 . 12 kif emendat bl-Avviz Legali Nru. 274/98. Minn dawn is-LM6, LM3 għal General Fund amministrat mill-Kummissarju, LMl.50 imorru fil-fond tal-Mutual Help Association" liema ammont annwali jidher fil-P3, u LMl.50 jingħataw lill Assoccjazzjoni.

**Rekluti.**

Minn hawn insellmu lil membri ġodda li għadhom kif ingaggaw fil-Korp u filwaqt li nħeġġhom jersqu għal laqgħat tal-Assocjazzjoni nistiednuhom jagħmlu ħilithom sabiex jipparteċipaw kemm fl-elezzjonijiet futur kif ukoll fid-diskussjoniet. L-interess li jintwera minn kull membru jissarraf f'kemm l-Assoċċ jazzjoni tkun soda, magħquda u rappreżentattiva inħeġġu lil dawn il-membri ġodda sabiex dejjem ikunu lejali lejn il-ġurament li ħadu u jkunu ta' eżempju għal kull ħadd fil-qadi ta' dminjiethom.

Minn hawnhekk nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li juru l-fiduċja tagħhom lejn l-Assocjazzjoni u ntenni li kulħadd għandu jagħti l-kontribut tiegħu lejn il-pubbliku li nistennew minn għandu apprezzament tas-servizz tagħna.

Ps 777 J. Zammit
*Segretarju M.P.A*

# MILL-GHASSA

*jikteb PISI*

Kull tliet xhur kull membru tal-Korp irid, mhux mitlub imma bil-fors, iħallas Lm6 għal dak li huwa msejjaħ il-Police Fund. Minn Spettur 'il fuq il-ħlas huwa aktar minn Lm6. Għaliex qed ngħid li dawk iridu jħallsu bil-fors? Ghax jekk ma jitħallsux dawn il-flus ma jingħatax iċ-cheque tal-paga u teħel crime. Dawn is-Lm6 jitħallsu cash lil dawk li jqassmu c-cheques fl-Għases u wara, dawn il-flus jgħaddu għand l-Association. Dawk li l-paga tagħhom tmur direttament il-bank qabel ma jħallsu s-Lm6, jew aktar, ma jieħux il-pay slip u jkun rrapportat u jeħel crime. Għaldaqstant biex il-Pulizija jieħdu l-paga ta' Marzu, Ġunju, Settembru u Diċembru jridu l-ewwel iħallsu l-miżata biex tingħatalhom il-paga; Fi kliem ieħor jixtru l-paga kull tliet xhur.

Dawn l-eluf ta' liri jintużaw l-aktar biex isiru xi riċevimenti u tingħata somma żgħira lill-qraba tal-membri tal-Korp jekk imutu meta jkunu għadhom fis-servizz. Barra minn hekk għad hemm Pulizija ritirat li għadhom qed iħallsu f'dan il-Fund biex meta jigu nieqsa il-werrieta tagħhom jingħataw Lm200.

Dan mhux kollox Fil-P3 li jirċievu l-membri jitniżżel biss pagament wieħed mill-erba' li jsiru. Mela daqsxejn ta' somma malajr issib li f'Korp ta' 1,800 ruħ u medja Lm8 kull membru kull tliet xhur is-somma annwali titla' għal aktar minn Lm57,000 li minnhom il-korp qed juri fil-P3's tal-ħaddiema li kkontribwixxew biss Lm14,000. U t-Lm43,000 l-oħra u aktar? ?????


Palprint Press
designers
publishe
printer
bookbinding
invitations
printers
• Designers, Publishers & Printers
• Importers & Agents of
Wedding Invitations & Souvenirs
for all occasions
Our Lady of Mercy Str.,
Zejtun ZTN 05, Malta.
Tel: +356 678609
Fax: +356 678609
Mob: 0942 6786

# MILL-PRESIDENT TAL-ASSOĊJAZZJONI

## *B 'referenza u b'risposta għall-artiklu "Mill-Għassa " li deher fit-Torċa nhar is-16 ta' April, 2000*

*Spettur* **David Saliba**
*President tal-Assocjazzjoni tal-Pulizija*

B'referenza għall-artiklu li deher fil-ħarġa 'It-Torċa- nhar 16 ta' April, 2000' 'Mill-Għassa' miktub minn PISI, irrid niġbed l-attenzzjoni kemm tiegħek kif ukoll ta' qarreja u partikularment għal membru jew membri li għaddewlek din l-informazzjoni dwar l-ineżatezzji u gideb li int dherlek tippubblika mingħajr ivverifikajt il-fatti.

Fil-kitba hemm miktub li kull membru kull tlett xhur irrid jħallas Lm6.00 u dan speċi biex jixtri l-paga għax jekk ma jħallashomx dawn jittieħdu passi dixxiplanri kontra tiegħu jew aħjar kif inhu magħurfa jitla' bi 'crime'.

Il-fatt li kull membru tal-Korp jħallas dawn is-sitt liri huwa fatt. Dan joħroġ minn Avviz legali nru.LN14/60. Dan il-fatt huwa magħruf minn kulħadd u dan peress li huwa 'condition of service'. Il-ħrafa li jekk ma tħallasx is-somma ta' Lm6.00 kull tlett xhur ma tingħatax il-paga huwa ħażin. Minkejja dan dak li għedt li jekk imbagħad tieħu l-paga u tibqa' ma tħallas is-somma dovuta minnek titla' bi crime dan huwa minnu għax bhal ma diga spjegajt, din hija 'a condtion of service'.

Kif ġie impingi fl-artikolu hemm allegat ukoll li dawn l-flus jgħadu kollha għand l-Assoċjazzjoni. Din hija l-akbar gidba, u kien ikun ahjar li qabel ma isem l-Assocjazzjoni jintuza bi skop li jithammeg li kieku PISI kellu id-deċenza li jikkonferma ma l-istess Assocjazzjoni. Wieħed irrid jgħid li jekk il-kitbit ta' PISI kemm fil-passat u kemm fil-futur issa mingħajr verifiki jiddispjacini ngħid li l-kredibilita ta' PISI ma min jaf aħjar mhux biss waqet iżda spiċċat fix-xejn. Għal benifiċċju u għal informazzjoni tiegħek il-flus li jinġabru, dawn il-flus jitqasmu kif ser nispjega hawn taħt.

Ġie ukoll allegat li dawn l-eluf ta' liri jintużaw biex issiru xi riċevimenti u tingħata somma żgħira lill qraba tal membri tal-Korp jekk imutu meta jkunu għadhom fis-servizz. Jingħad ukoll fl-artikolu li hemm puliżija rtirati li għadhom qed jħalsu lejn dan il-fond biex il-werrieta tagħhom jingħataw Lm200.

Fl-istess artikolu hemm miktub ukoll li fil-P3 li l-membri jirċievu hemm pagament wieħed mill-erba'. Fl-istess artikolu hemm ukoll li kull membru jħallas Lm8 u li dawn jekk timpultiplika dawn ma' Lm1,800 dawn jigu Lm57,00 allura l-artikolist qed jistaqsi fejn imorru.

Bħal ma kelli diversi opportunitajiet nispjega lill membri, fil-magazine li kien joħrog, fl inservice courses li kienu saru u qed isiru kif ukoll lill membri ġodda tal-korp u issa għal benifiċċju tal-qarrejja tiegħek jien bħala President tal-Assoċċjazzjoni irrid ngħid hekk.

Kien fis-sena 1918 meta membru tas-security-pulizija kien ħabta u sabta miet b'mewta naturali. Il-mara ta' dan il-membru peres li dak iż-żmien ma kienx hawn social securlty bħal ma hawn illum. Il-familjari ta' dan il-membru ma kellhomx biex jagħmlu l-funeral u kien avviċinat l-Kummissarju sabiex jgħin finanzjarjament biex issir il-funeral. Il-Kummissarju ta' dak iż-żmien peres li ma kellux fondi għad-dispozizzjoni tiegħu organizza ġabra u dawn il-flus kienu ingħataw lill qraba ta' dan il-membru. Kien il-ħsieb għaqli ta' dan il-Kummissarju li ħaseb għal futur biex f'ċirkostanzi bħal dawn ma jerġux jiġru. Kien għalhekk li fis-sena 1919 ħarġet liġi li kull membru kien dak iż-żmien jikontribuxxi Lm1.27 lejn dan il-fond. Lm1.27sold f'dak iż-żmien kienu flus, kienu jitħalsu kull tlett xhur, meta l-pagi ma kienux bħal ma huma llum.

Assoċċjazzjoni twieldet fis-sena 1955 u dan wara li l-Kummissarju Cachia ta' dak iż-żmien, kien ikkummisjona lill kunsulent Ingliz Muller bi qbil mal-Gvern ta' dak iż-żmien (li kien Gvern Laburista) li nġieb hawn Malta u wara li ta'pariri lill gvern kienet twaqqfet l-Assocjazzjoni sabiex tħarres l-interssi tal-membri tal-Korp tal-Pulizija.

Sa ftit taż-żmien ilu l-membri tal-korp kienu jħallsu Lm3.00 liema ħlas kienet żdiedet għal Lm5.00 u li reġgħet għoliet għal dik li hija llum Lm6.00.

Dawn iż-żidiet saru kollha b'permezz ta' avviżż legali bin-numri 274/98

Tajjeb wieħed jidistingwi issa x'issir u kif jitqasmu dawn il-flus, għax mhu veru xejn li dawn is-sitt liri jgħaddu għand l-Assocjazzjoni.

Is-sitt liri jiġu maqsuma bill Lm3.00 jgħaddu fil-General Fund, liema fond jamministrah il-Kummissarju. Ovjament mhux minnu personalment. Lm1.50 biss tgħaddi għand l-Assocjazzjoni fil-waqt li LM1.50 l-oħra tagħaddi għand il-Mutual Help Association.

Tajjeb wieħed issa jispjega x'issir minnhom dawn il-flus għal benefiċċju ta' kjarifikazjoni u informazzjoni.

Din il-Lm1.50 jiġu amministrati minn membru tal-Korp għan-nom tal-Għaqda Penżjonanti. Wieħed irrid jgħid li bħal ma jaf kulħadd meta persuna tmut l-assi mobli, immobbli u dawk finanzjarji jiġu frizzati u dan inkwantu sakemm issir il-qsim ta' wirt etc.

Meta membru jmut u jkun għadu jaqdi is-servizz fi ħdan il-korp mhu veru xejn li jieħu Lm200 iżda is-somma li tingħata fiż-żmien 24 siegħa hija ta' Lm1,300. U dan barra l-għażla tal-għeredi li jsir funeral uffiċjali u jindifen fl-oqbra tal-korp b'xejn. Membru li għalkemm ma jkunx għadu membru tal-korp imma jgħażel li jkompli jħallas Lm1.50 biss sa kemm imut meta dan iseħħ l-eredi jieħdu somma ta' Lm900 .

Għaldaqstant dak li nkiteb fl-artiklu tiegħek mhu veru xejn għajr invenzjoni ta' xi ħadd.

Dwar il Lml.50 li jgħaddu għand l-Assoċjazzjoni,14 żgur li ma jammontawx għal Lm57,000 fis-sena. Ma tridx tkun xi matematiku kbir biex tikkalkula li Lml.50 għal kull membru li jħallas ma jammontawx għal Lm57,000. L-ewwel nett mhux kull membru jikkontribwixxi għal dan il-fond tal-Assoċjazzjoni. U dan peres li l-Assoċjazzjoni titkellem għal membri kollha sa grad ta' Spettur. Minn spettur l-fuq l-Assoċjazzjoni ma tirċievi xejn. Fattur ieħor li ma tisgħatx tinjora huwa anke bil-membri godda li dahlu f'Marzu l-korp ma għandux 1,800 kif inhu allegat. L-Assoċjazzjoni tirċievi s-somma ta' bejn wieħed u ieħor ta' LM2,200 u Lm2,300 kull tlett xhur li b'kollox jammontaw għal Lm9,200 fis-sena. X'differenza mill-figura ta' LM57,000 kif allegat.

It-tlett liri li jmorru fil-General Fund u li jigi amministrati mill Kumrnissarju irrid ngħid li parti kbira minn dan il fond jmorru f'dak li huwa magħruf bħala l-welfare fund. X'ħin u dan il-Welfare fund? Dan huwa fond speċjali li jilqa' talbiet minn membri biex jgħin finanzjarjarnent għal talbiet fejn membru minħabba n-natura tax-xogħol tiegħu jsofri xi vendikazzjoni jew minħabba xi mard fil-familja jkollu bżonn għajnuna finanzjarja. It-talbiet li għal raġunijiet ta' kunfidenzjalita' ma jistgħux jiġu ppublikati

***ikompli f' paġna 24***



# ŻJARA MILL-E.T. IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA



L-Eċċellenza tiegħu Profs. Guido DeMarco LL.D., President tar-Repubblika ta' Malta għamel żjara uffiċjali lill-Pulizija ta' Malta nhar it-Tlieta, 30 ta' Novembru, l999.



***09.30 hrs.***
Il-President jagħmel żjara fl-Għassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta fejn ġie milqugħ mill-Kummissalju tal-Pulizija s-Sur George Grech, l-Assistent Kummissarju M.Borg, Suprintendent Daniel Gatt u l-Ispetturi stazzjonati fid-distrett nurmu 1. saret ukoll dawra ma' l-Għassa tal-Belt.



***l0.00hrs.***
Żjara fl-Akkademja tal-Pulizija. Il-President DeMarco ġie milqugħ mill-Kmandant il-ġdid s-Sur J.C. Gauci u minn A.Mifsud Tommasi ex-Kmandant. Il-President jiltaqa ma' lis-staff u r-rekluti l-ġodda.



***10.30hrs.***
Żjara fil-kumpless f'Ta' Kandja mill-President akkumpanjat mill-Kummissarju tal-Pulizija. L-Assistent Kummissarju Josie Brincat u l-Ispetturi
stazzjonati f'Ta' Kandja laqgħu lill-President. Saret ukoll dawra mal-Kumpless.



***11.45hrs.***
Tluq lejn Fort Mosta mill-President, akkumpanjat mill-Kummissarju tal-Pulizija u mill-Assistenti Kummissarji Josie Brincat u Andrew Seychell L-E.T. ġie mdawar mal-Kumpless.



***12.15hrs.***
Tluq lejn l-Għassa ta' tas-Sliema fejn l-E.T. ġie milqugħ mill-Assistent Kummissarju Alfred Abela u mill-uffiċjali stazzjonati fid-distrett numru 6.



***12.45hrs.***
Tluq lejn il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fejn il-President tar-Repubblika akkumpanjat mill-Kummissarju tal-Pulizija ġie milqugħ minn Hon. Dr. Tonio Borg LL.D. Ministru ta'l-Intern,Hon. G.Pullicino u s-Sur L.Cilia Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Intern. Żar lid-diversi uffiċini tad-Depot kif ukoll il-proġett tal-Lock up/CID.



***13.30hrs.***
Ikla fl-'Officers Mess' mogħtija mill-Ministru ta' l-intern.

CORSA

# More

**Economy**
**Performance**
**Comfort**
**& Safety**




## The city car designed to provide high quality at a reasonable price!

## The Opel Corsa performs, handles and looks better than ever.

standard features include:
5 Speed gearbox - Immobilizer - Fully tinted glass - Height adjustable driver's seat - Side rubber strips - Colour coded bumpers - Radio cassette - Rear wiper

*A choice for streetwise drivers!*

**starting @ Lm4,850**

**United**automobile
A United Group Company

100
Opel Automobiles. Since 1899.

Abate Rigord Street, Ta' Xbiex. Tel: 320560/3 Fax: 320564
ASO: MIRA Motors Sales Ltd., 148, Rue d'Argens, Msida. Tel: 333001/4 Fax: 340473

OPEL

# Il-Kummissarju tal-Pulizija George Grech

## MALTA U L-MILLENNJU

*Intervista ta' Tonio Bonello*

***Liema avveniment tħoss li kien l-aktar importanti f'pajjiżna matul dawn l-aħħar 100 sena ?***
Avveniment fl-opinjoni tiegħi hu xi ħaġa storika u naħseb li f'mistoqsija bħal din, jiddependi l-persuna min tkun biex twieġeb, jiġifieri skond l-inklinazzjoni u l-orjentazzjoni tal-persuna tiegħu.

Mill-att ta' politika, forsi l-Indipendenza kienet l-aktar mument storiku għal pajjiżna. Mill-att reliġjuż, bla dubju l-miġja tal-Papa f'Malta. Mill-att ta' puliżija ngħid li kienu l-liġijiet li żviluppaw konnessi mal-Pulizija, kif ukoll l-għadd ta' personalitjiet distinti li ġew Malta u x-xogħol li kien meħtieġ biex kollox ħexa mingħajr problemi. Naħseb li hawn kienu l-aktar avveniment importanti. Issa mbagħad mill-att polizjesk veru, nemmen li t-titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-Pulizija kien żvilupp kbir 'il quddiem.

***Sinċerament, x'taħseb li kellu jkun il-Proġett tal-Millennju għall-poplu Malti u Għawdxi?***
Ħa nżomm ma' l-angolu polizjesk. Sinċerament nixtieq li titwarrab darba għal dejjem il-firda politika li teżisti bejn il-Membri tal-Korp. Nixtieq li jisbaħ jum fejn il-Membri tal-Pulizija, filwaqt li jibqgħu jżommu f'qalbhom dak kollu li jemmnu fih huma personalment, imma fil-qadi tad-doveri tagħhom, fl-imġiba tagħhom ma' xulxin, iwarrbu darba għal dejjem il-fatt li huma ta' opinjonijiet differenti, waqt li jiftakru biss li huma Pulizija. B'hekk konvint li jiksbu r-rispett ta' xulxin u ta' l-poplu Malti u Għawdxi kollu. Għad baqa ħafna xi jsir.

***X'tara bħala fattur negattiv u ieħor pożittiv fl-istituzzjoni li int tirrappreżenta, bħala l-Kummissarju tal-Pulizija?***
In-negattiv naħseb li jinsab f'dak li hu customer care. Hi sfortuna li xi wħud mill-Membri tal-Korp għadhom ma fehmux biżżejjed il-kwalità ta' l-impenn tagħhom lejn il-pubbliku.

M'hu xejn anqas minn indispensabbli li jmorru tajjeb man-nies, li indipendentement anke mill-atteġġjament ta' xi persuni mill-pubbliku, huma m'għandhom l-ebda dritt jirreagixxu b'ċerta mġiba. Jekk wieħed jirreaġixxi b'aggressività jew b'mod mhux ċivili, l-affarijiet se jikbru, u l-Pulizija ma jasalx biex lil persuna li għandu bżonn l-għajnuna tiegħu, fl-aħħar mill-aħħar ittih is-servizz li hu jinħtieġ.

Jien naħseb li din hi waħda minn nuqqasijiet kbar li għad għandna fil-korp. Qed nagħmlu minn kollox biex ikollna iżjed taħriġ dwar customer care għan-nies tagħna.

Fattur ieħor negattiv hu li xi wħud mill-Membri tal-Korp, meta jiġu biex jaqdu d-doveri tagħhom, flok ma jagħmlu dan għaliex verament jafu u jridu jimxu mal-liġi tal-pajjiż, jippruvaw iġibu skuża wara min jinħbew. Jew għax bagħatni l-Kunsill, inkella għax bagħatni s-Surġent! Dan hu ħażin. Int x'int fil-grad tiegħek, għandek dover x'taqdi. Issa jekk jiġbidlek l-attenzjoni l-Ministru, allura jfisser li se tmur tgħid, għax il-Ministru ġibidli l-attenzjoni? Jekk int Pulizija u mort x'imkien, mort għax hemm ksur ta' liġi u daqshekk.

Il-fattur pożittiv hu evidenti anke minn sondaġġ li sar riċentement dan l-aħħar fejn irriżulta li 80 fil-mija tal-pubbliku jidher li hu sodisfatt bil-mod kif il-Pulizija jwieġbu għas-sejħiet u jagħmlu minn kollox biex jgħinu lil pubbliku, kemm f'dik li hi għajnuna meta tiġi biex isalvaw ħajjet. Xi ħadd u wkoll meta jiġu biex isolvu reati kriminali. Naħseb li l-pubbliku, għalkemm mhux mija fil-mija kuntent b'dak li jagħmel il-Korp tal-Pulizija, fil-parti l-kbira tiegħu hu sodisfatt bis-servizz li qed joffri l-Korp.

***X'inhi l-fehma tiegħek dwar il-media f'pajjiżna, id-dawl tal-pluraliżmu, pemezz tal-gazzetti, ir-radju u t-televiżjoni?***
Jien nemmen li l-media għandha rwol importanti ħafna fil-ħajja ta' pajjiżna u kien preċiżament għax fhimt u rajt dan ir-rwol li, bħalma taf int, naħseb li dan kien l-ewwel Dipartiment tal-Gvern li fetaħ l-Uffiċċju tar-Relazzjonijiet Pubbliċi tiegħu u wara estendejnieh għal-Community & Media Relations Unit.

Tant nemmen fl-importanza tal-media li jien personalment niltaqa' ma' l-Edituri tal-Gazzetti u ta' l-istazzjonijiet tar-Radju kollha darba fix-xahar.

*ikompli f'paġna 14*

CARLTON
INTERNATIONAL













FIVE YEAR GUARANTEE

MANUFACTURED IN UK

See the full range of CARLTON Luggage at:

**TRAVELLERS**

4, Freedom Square, Valletta.

Tel: 231177 Fax: 311960

e-mail: cityco@maltanet.net





# CHARO SAPIENZA LA DORÀ

## International Flamenco Dancer/Agent




**Home:** Seville, Spain

**Age:** 24

**Profile:** I get my inspiration from life itself. It gives me the drive and ambition which has brought me to where I am today.

**Where I am now:** The greatest achievement so far has been at the Royal Festival Hall in London; receiving so much energy from a 3,000 strong audience, on their feet, is what gives me a sense of purpose.

**Where I plan to be in the future:** Anywhere as long as I'm giving audiences something to remember. Eventually, I would also like to manage and direct my own dance companies.

**What makes you tick?:** Making love with the music - bringing all the elements within you together and making them work. I use Flamenco to reflect my character and tell my story.

**Her Whisky:** Dewar's neat.
**Why Dewar's?:** After a performance, the feeling of warmth that Dewar's creates inside you, gives a sense of balance to the warmth received from the audience.

Dewar's The spirit *of expression*

ikompli minn paġna 11

# Ħajtek u int... il-Kummissarju tal-Pulizija

***X'ABBILTA' partikolari tara li hemm fik innifsek li tħoss li tiddistingwik minn persuni oħrajn?***
Diffiċli għalija biex inwieġeb domanda bħal din. L-ewwelnett niddejjaq infaħħar lili nnifsi, però apparti dan, jien nemmen li fil-Pulizija dejjem għamilt id-doveri tiegħi mill-A saż-Ż mingħajr ma ħarist lejn ħadd u naħseb li dan kien fattur importanti li wassalni biex ġejt fdat bil-kariga li għandi. Dejjem kont leali lejn l-awtoritajiet tal-pajjiż, kienu min kienu, iżda fl-istess ħin nemmen li jista' jkun hemm min hu aħjar minni wkoll, mela le. Nemmen li bħala Pulizija però jien kelli dawk il-kapaċitajiet Pulizjeski, u bħala mexxej naħseb li kelli wkoll u dan hu importanti ħafna.

***Taħseb li l-involviment tiegħek f'din il-karriera tellfek mill-importanza ta' l-attenzjoni lejn il-familja tiegħek u lejk innifsek?***
Dan hu fatt li persuni fil-kariga tiegħi, mhux biss ta' Kummissarju, iżda kull Membru tal-Korp, minn Kuntistabbli sa l-ogħla wieħed, il-ħajja fil-Pulizija hi ħajja impenjattiva u li sfortunatament iġġib magħha, mumenti fejn mhux tabbanduna lil familja għax naħseb li din tkun kelma daqsxejn ħarxa, iżda fejn iva, filwaqt li ħaddieħor ikun qiegħed jiddeverti, miġbur mal-familja, f'xi okkażjoni speċjali, il-Pulizija irid ikun barra minn daru, jgħasses u jwennes it-triqat.
Effettivament kien hemm ġranet, b'mod speċjali f'festi sbieħ bħal Milied, l-Ewwel tas-Sena u ġranet oħra fejn normalment il-familja tkun magħquda, fejn anke jien kelli nkun barra, kemm bħala Kuntistabbli, kemm bħala Surgent. Ngħiduha kif inhi, xi ħadd irid ikun barra! Kien hemm okkażjonijiet fejn għal ġranet sħaħ, kelli noqgħod bogħod mill-familja, kemm minħabba f'xogħol hawn, kif ukoll b'kawża ta' impenji oħra barra minn Malta. Ma tistax tagħmel mod ieħor.
F'dak il-każ li trid tagħmel hu li tirringrazzja l'Alla li, ssib mara u wlied li jifhmuk, li jagħdruk u li jkunu disposti jagħmlu dan is-sagrifiċċju. Għal daqshekk minn qalbi, irrid ngħid grazzi lill-mara għax verament fehmet u ħadet paċenzja bija għal dawn is-snin kollha. Kienet hi biex ngħid hekk li rabbiet l'uliedi.

***Kemm tħoss l-importanza tar-reliġjon f'ħajtek?***
Ħafna. Jien nemmen li mingħajr Alla ma tagħmel xejn.

***Kif tgħaddi l-ħin tal-mistrieħ tiegħek?***
Ħin tal-mistrieħ ftit li xejn ikolli, iżda anke waqt li qiegħed fl-uffiċċju, inħobb ħafna il-mużika klassika u nieħu gost nismagħha. Il-*hobbies* tiegħi huma l-ġnien, inġemma' l-bolli, il-baħar u s-sajd.
Mela f'dik li hi mużika, kif għidtlek nismagħha fuq ix-xogħol, waqt li qed naħdem l-uffiċċju, bħal ma stajt tinduna hekk kif dħalt hawnhekk. Li nġemma' l-bolli hi xi ħaġa li kont bdejt minn meta kont tifel l-iskola u meta jkolli ftit ċans, inħobb naljena ftit rasi u noqgħod nirranġa ftit fihom. Is-sajd, forsi jkolli okkażjoni, darba sa darbtejn f' sena immur nistad għal lampuki. Id-delizzju tal-ġnien kelli nabbandunaħ għax ma baqagħlix aktar ħin għalih.

***Hemm xi personalità, lokali jew internazzjonali li f'ħajtek influwenzatek?***
Minn dejjem kont u għadni nammira lill-Ex-Kummissarju De Gray. Persuna li kien miżżewweġ lill-Korp biex ngħid hekk, għalkemm bħala stat kien ġuvni. Fl-opinjoni tiegħi hu kien ta' eżempju mill-aqwa għal kull Membru tal-Korp tal-Pulizija.

***Okkażjoni ta' ferħ u oħra ta' niket li tibqa' tiftakar?***
Okkażjoni ta' ferħ li nibqa' niftakar hu t-twelid ta' l-ewwel tarbija tiegħi. Okkażjoni ta' ferh f'kull twelid ta' kull membru li twieled fil-familja, iżda ta' l-ewwel hu dejjem ta' l-ewwel. Ta' niket imbagħad, naħseb li aktar milli titlef lil ommok u l-missierek, ma jistax ikollok, għalkemm dan l- aħħar ngħidlek il-verità ġeddidt dawn is-sentimenti meta kelli nattendi għal funeral ta' tifel ta' Membru tal-Korp u vera ħassejtni mdejjaq.

***Qatt ħsibt li tirtira mix-xogħol, u jekk iva xi ħsieb għandek li tagħmel wara?***
Fl-eta ta' 52 sena li għandi, inħoss li jekk nirtira issa, xorta se jkolli naħdem. Mill-banda l-oħra dan hu x-xogħol li dejjem għożżejt u ridt nagħmel u għalhekk, sakemm saħti ttini u l-awtoritajiet jibqa' jkollhom fiduċja sħiħa fija, jien dispost li nibqa' nagħmel l-almu tiegħi kollu biex nagħti dan is-servizz lil Korp u lil pajjiżi.
Jekk niġi biex nitlaq, xi darba, jiddependi l-età li nkun fiha, però naturalment mhux se noqgħod bilqiegħda b'idejja fuq żaqqi żgur. Hu diffiċli li ngħid xi nkun beħsiebni nagħmel. Kieku nipprova nimpjega ruħi x'imkien żgur. Ma jistax ikun mod ieħor, l-ewwel għax jien miniex sinjur, u t-tieni, ma naħsibx li l-pensjoni waħedha tkun biżżejjed, speċjalment meta għad għandi tifla ta' 12-il sena!

**<u>SIGRIETI LI SE JKUNU MAGħRUFA</u>**

***X'taħseb li kien l-akbar żball li qatt għamilt f'ħajtek?***
Mhux se ngħid li żbalji f'ħajti m'għamiltx, imma żball tant kbir, sinċerament lanqas nista' naħseb x'jista' jkun.

***Kif tħares lejn il-fenomenu tal-mewt u x'qed tistenna li ssib wara mewtek?***
Bħal kwalunkwe uman ieħor, ma nixtieqx li mmut. Anke Kristu ddejjaq mill-mewt, u żgur mhux se nkun jien li ngħid li ma niddejjaqx mill-mewt għax inkun qed nigdeb. Jekk għandek il-valiġġi tajba però, kif kien qal il-Papa (Ġwanni XXIII, m'għandek xejn aktar x'tagħmel.
Imbagħad nistenna minni dak li jistenna kull nisrani li jkun qeda d-doveri tiegħu sew. Mill-bqija però, uman daqs ħaddieħor u m' għandi l-ebda raġġiera.




**argo**

AIRCONDITIONERS



FOR *Superior* PERFORMANCE

**Argo** Airconditioners offer you the best of both worlds. **'State-of-the-art'** Japanese technology to obtain the maximum in supply output for each watt consumed combined with aesthetic European design which blends with every environment.

**Argo** guarantee their models offer effective temperature control and ultra quiet operation.

**Argo** come in a wide range of models to ensure that you always get the right unit for your particular needs.

**Argo** Airconditioners are fully backed by a professional team of foreign-trained technicians.

**Argo...*IDEAL CLIMATE, TOTAL COMFORT.***




**THE BEST JUST GOT BETTER!**

**Acorn**

Hep$_2$O BiTite

Hepworth PLUMBING

benthor
The New standard in Kitchen Sinks for Durability & Quality

MARAZZI
MONOCOTTURA CERAMIC FLOOR TILES

CISA CERAMICHE
CERAMIC WALL & FLOOR TILES
Ideal for Special Projects

CERDISA
A Beautiful Selection of WALL & FLOOR TILES

THE VERY BEST MALTEZOS
SOLAR WATER HEATERS in Stainless Steel

inda
QUALITY BATHROOM ACCESSORIES

GARDENIA ORCHIDEA
CERAMIC WALL & FLOOR TILES to Complete the Home

Ideal Standard GmbH
A Wide Range of Fine Quality BATHROOM TAPS & FITTINGS

FLOOR GRES
The Leading Specialists in SWIMMING POOL TILES

*Exclusively represented in Malta by:*

**ROGER SATARIANO & SON LTD.**

*Leaders in sanitary ware and ceramic tiles by quality and reputation*

MSIDA VALLEY ROAD, B'KARA. TEL: 442769, 491017, 448628, 492548. FAX: 497017.

Minn din l-edizzjoni ħsiebna biex nintroduċulkom xi ħaġa pjuttost ġdida għal magazine 'IL-PULIZIJA'. Naħseb li f'dawn l-aħħar sentejn kulħadd segwa s-sensiela televiżiva investigattiva 'IL-KAŻ' fuq Television Malta.

Din is-sensiela nistgħu ngħidu li kienet waħda mill-ewwel inizjattivi, jekk mhux l-ewwel waħda tax-xorta tagħha fejn il-Korp tal-Pulizija ingħaqad ma' stazzjon televiżiv lokali u ħadmu flimkien produzzjoni professjonali li sa ftit tas-snin ilu, konna naslu li narawha biss fuq stazzjon televiżiv barrani.

L-impenn wara din is-sensiela kien kbir, il-preparamenti kienu kbar, iżda r-riżultati kienu kbar ukoll. Fl-ewwel żewġ sensiliet biss, in-numru ta' dawk li ċ emplulna biex jafdaw informazzjoni lilna l-Pulizija kien ta' xejn anqas minn 1,000 persuna. Każi solvuti kellna wkoll u każi li għadhom qed jiġu mistħarrġa wara tagħrif ġdid li daħal lill-investigaturi tagħna għadu qed ikun analizzat kif

## IL-KAZ
### t v s e r i e s




jixraq.

Bla dubju, xogħol bħal dan ma sarx minn bniedem waħdu. Kienu nvoluti madwar 150 persuna wara din il-produzzjoni iżda żgur li ringrazzjament kbir imur għal Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur George Grech li kien minn ta' l-ewwel li approva bi sħiħ din l-inizjattiva, is-Sur Albert Marshall li dak iż-żmien kien il-Kap Eżekuttiv tal-PBS Ltd., u żgur mhux lanqas, it-team tal-CMRU flimkien ma' l-Investigaturi, l-Assistent Kummissarju Michael Cassar u l-Assistent Kummissarju John Rizzo.

Minn din l-edizzjoni se nibdew nippubblikaw dawn il-każi, flimkien ma' rendikont f'għamla ta' statistika biex dak li jkun ikollu sodisfazzjon ta' x'ġara wara li deher kull programm. Nappella biex min għandu xi domandi, kummenti jew suġġerimenti x'jgħaddi dwar din is-sensiela, jindirizza kull informazzjoni lis-Surgent Martin Ellul, l-Editur tal-magazine 'IL-PULIZLJA' biex imbagħad il-materjal jasal għandi u nagħti risposti lura għal dak li jkun inkiteb. Sadattant saħħa.

Tonio Bonello
Executive Producer 'IL-KAZ'

# Il-Qtil ta' Carmela Vella fiż-Żurrieq

**INVESTIGATURI**
*L-Assistent Kummissarju John Rizzo*
*L-Ispettur David Saliba*
**EXECUTIVE PRODUCER**
*Tonio Bonello, Gurnalist*

Il-bieb ta' l anzjana deher imbexxaq. Mhux soltu li dak il-ħin kien ikollha l-bieb miftuħ. Xi ġirien issusspettaw ħażin u marru jgħidu b'dan lil ġara oħra li kienet toqgħod ftit bibien 'il fuq u magħrufa li kienet tieħu ħsieb ta' l-anzjana.

Din il-ġara dak il-ħin kienet id-dar flimkien ma' żewġha u t-tfal tagħha. Semgħet il-bieb iħabbat u marret tara minn kien ġie. Sabet xi ġirien li staqsewha, 'Carmela qiegħda għandek għaliex għandha l-bieb imbexxaq.' Camilleri wieġbet li ma kenitx għandha u għalhekk marret hi flimkien ma' żewġha biex tara jekk l-anzjana kellhiex bżonn xi ħaġa.

Wistina fetħet il-bieb u daħlet sa l-intrata però osservat xi taqlib. Beżgħet li kien seta ġara xi ħaġa u marret tinforma lil Pulizija. Dan kien għal ħabta tas-7.30 u t-7.40 ta' filgħaxija ta' l-Erbgħa 20 ta' Jannar 1999.

Ftit minuti wara l-Pulizija marru fil-post indikat lilhom f'Carmel Street fiż-Żurrieq. Din it-triq tinsab fil-viċ inanzi ta' wara l-Għassa tal-Pulizija u hi dejqa u twila. Fiha jgħixu diversi familji.

Hekk kif waslu fuq il-post u daħlu ġewwa, il-Pulizija sabu lil anzjana mixħuta ma' l-art f'qagħda li kienet tindika li hi mejta. Madwar wiċċha kellha masking tape ta' kulur Kannella u li kien maqtugħ. Kien hemm ukoll sinjali ta' feriti u tbenġil. Taħt il-vittma kien instab sebgħa ta' ingwanta (surgical glove) li ma kenitx tappartieni lill-Pulizija li ħadmu fuq il-każ.

Irriżulta li l-vittma kienet ċertu Carmela Vella, anzjana ta' 82 sena miż-Żurrieq. Vella kienet tgħix waħedha u ma kellha lil ħadd f'Malta jiġi minnha għal fatt li ħutha kienu msiefrin l-Awstralja.

F'dak il-ħin kienu nfurmati l-Pulizija tad-Dipartiment ta' l-Investigazzjonijiet Kriminali li mmexxija mill-Assistent Kummissarju John Rizzo, is-Supretendent Manuel Cassar u l-Ispettur David Saliba bdew bl-istħarriġ tagħhom.

Kien infurmat ukoll it-tabib John Gauci miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Ħal Qormi li dan iċċertifika lil Vella mejta u li kellha xi sinjali ta' vjolenza fuqha, però l-kawża tal-mewt sa dak il-ħin kienet għada mhix magħrufa.

Ir-residenza ta' Vella kienet tikkonsisti f'intrata, kamra tas-sodda fuq ix-xellug li ma kenitx tintuża u fejn kien l-aktar li nstab taqlib, u faċċata tagħha kamra tas-sodda oħra li wkoll ma kenitx tintuża u li fiha instab ftit taqlib. Fuq wara, jiġifieri aktar 'il gewwa hemm kċina u kamra oħra faċċata tagħha. Fil-kċina fuq il-mejda, u fil-viċin ta' fejn

instabet il-mejta, kien hemm sikkina tal-laħam li x'aktarx hi l-istess sikkina li ntużat biex inqata t-tape minn ma ħalq il-vittma.

Fis-sular ta' fuq imbagħad hemm kamra tas-sodda waħda fejn fil-fatt kienet torqod Vella. Fuq il-post instab ukoll it-telecare, però ma rrizultax li dan kien intuża dakinhar tad-delitt. Dan l-apparat ma kienx

*ikompli f'paġna 17*

*ikompli minn paġna 16*

# Il-Qtil ta' Carmela Vella...

fuqha il-vittma, imma imdendel ma musmar mal-ħajt, ftit passi 'il bogħod fejn hu maħsub li kienet bilqiegħda.

Aktar tard wasal fuq ix-xena tad-delitt il-Magistrat inkwerenti Dr.Silvio Meli li ħatar diversi esperti fosthom lit-tabib Mario Scerri kif ukoll diversi esperti mill-Forensika, inkluż tal-fotografija u tal-marki tas-swaba biex jgħinu lil Pulizija fl-istħarriġ tagħhom.

Mill-investigazzjoni tal-Pulizija irriżulta li persuna jew persuni mhux magħrufa kienu daħlu fir-residenza ta' Vella li fil-fatt kienet xebba, u wara li qallbu diversi kmamar isfel, sabu lil Vella, qabduha u dawru madwar ħalqha b'masking tape wiesa' b'mod li din aktarx fgat. Dan il-masking tape li ġie nnutat imdawwar ukoll ma' ras il-vittma kien ġie maqtugħ minn ma ħalqha iżda minkejja dan, il-vittma kienet laħqet mietet.

Fil-fatt mill-awtopsja li kienet saret l-għada, irriżulta li l-vittma kienet mietet vgata. Il-masking tape kienet wieħed ta' kulur Kannella, wiesa' madwar żewġ pulzieri u tat-tip li jintuża biex jingħalqu l-kaxxi tal-kartun. Il-ġrieħi u l-qatgħat ma' wiċċha kienu kompatibbli mal-qatgħat tat-tape.

Fuq il-mejta kien għad hemm l-imsielet fil-widnejn u xi ċrieket fl-idejn, u wara li Camilleri indikat lil Pulizija fejn il-vittma x'aktarx kienet taħbi xi ftit deheb li hi kienet iżżomm id-dar, dan instab ukoll fil-post indikat. Sussegwentament kienu nstabu ftit mijiet ta' flus li l-mejta kienet iżżomm id-dar minħabba li l-kumplament tal-flus u d-deheb kienu jinsabu fil-kustodja ta' waħda ġara tagħha li kienet ilha xi żmien tieħu ħsiebha.

Bdew indaġini biex ikun magħruf x'ħin dehret l-aħħar Carmela Vella. Fil-fatt irriżulta li l-aħħar darba li l-bieb tal-vittma deher miftuħ kien għal ħabta tal-5.05 ta' filgħaxija meta l-ġara tagħha marret għandha u tagħta x'tiekol. Wara Camilleri irritornat lura f'darha

L-Investigaturi kellmu wkoll lil girien li dawn taw indikazzjoni li l-bieb tal-vittma, l-aħħar li deher miftuħ fuq l-antiporta fil-fatt kien għal habta tal-5.15 ta' filgħaxija. Jidher li Vella kienet tħobb toqgħod wara l antiporta tgħid ir-rużarju mbagħad wara xi ħin kienet tidħol ġewwa, tagħlaq u tagħmel l-istanga mal-bieb minn ġewwa bħala mezz ta' sigurta'.

Irriżulta li fuq il-bieb ta' barra ma kienx hemm sinjali ta' zgass però fuq l-antiporta kien hemm sinjal jew tnejn li taw indikazzjonijiet li din kienet fuq xi sokra u li f'xi ħin kienetġiet imbuttata 'il gewwa.

Hu mifhum li l-mejta f'dak il-ħin kienet bilqiegħda ftit il-bogħod fuq siġġu wara l-antiporta għaliex fil-post instabet il-kuruna li x'aktarx kienet f'idejha. Fil-ħin tad-delitt aktarx li Vella kienet qed tgħid ir-rużarju.

Ghalhekk huwa mahsub li d-delitt kien twettaq bejn il-5.15pm u 7.35 ta' filgħaxija, ħin relattivament kmieni u li allura setgħu forsi kienu osservati xi movimenti mhux tas-soltu. Dan l-aktar għal fatt li l-imsemmija triq mhix xi waħda wiesa' u fl-istess ħin passaġġa ħafna. Kienet ukoll toffri l-unika access dirett għal Museum tat-tfal.

B'danakollu irid jingħad ukoll li ż-żmien li fih sar id-delitt kien fl-aqwa tax-Xitwa u dak il-ħin aktarx li l-parti l-kbira tan-nies kienu jinġabru fi djarhom. Apparti dan, joħroġ ċar li min wettaq id-delitt kien jaf sew x'inhu jagħmel għal fatt li l-ġurnata li għażel kienet proprju l-uniku jum tal-ġimgħa li fiha l-Museum ma kienx jiftaħ. Kieku d-delitt seħħ f'ġurnata oħra, it-triq kienet tkun ferm aktar passaġġjuża f'dawk il-ħinijiet!

Kien evalwat ukoll l-element ta' trasport fl-imsemmija triq u sar magħruf li għalkemm karrozza tista' tgħaddi faċilment avolja t-triq hi dejqa, però ma ngħatat l-ebda informazzjoni li dak il-ħin kienet għaddiet xi karrozza partikolari u jew li telqet xi vettura minn dawk l-inħawi b'mod veloċi mill-post, u jew li ġrat xi ħaġa li b'xi mod setgħet attirat l-attenzjoni ta' xi persuna jew persuni. Ironikament ħadd mill-ġirien ma ra lil ħadd dakinhar u f'dak il-ħin!

Maż-żmien l-Investigaturi fl-istħarriġ ta' dan il-każ kienu rċevew numru voluminuż ta' informazzjoni anonima, kemm permezz tat-telephone, kif ukoll b'mezzi oħra. Din l-informazzjoni partikolarment kienet timplika u tindika persuna speċifika li seta kien il-moħħ wara l-qtil brutali ta' Carmela Vella. Din il-persuna kienet ġiet investigata b'reqqa kbira però ma nstab xejn fi provi li l-Pulizija setgħet tipproċedi kontriha.

Barra din il-persuna, kienu ġew investigati xi persuni li huma magħrufin għal kondotta notorja tagħhom. Dan l-eżerċizzju sar sabiex ikun zgurat jekk kienx hemm involviment ta' xi persuni minn dawk imsemmija fil-każ tal-qtil ta' Vella

Il-Pulizija jemmnu li min wettaq id-delitt hu familjari sew ma' l-inħawi, u jew mal-ħinijiet u l-ħajja ta' rutina li l-vittma kienet tgħix.

Skond il-Pulizija m'hemm l-ebda dubju li l-każ ta' qtil ta' Carmela Vella kellu bħala mottiv ewlieni, is-serq. Il-vittma jingħad li seta kellha l-fama li kellha ħafna flus peress li kienet xebba. Kienet magħrufa wkoll li kienet tilgħab xi ftit tal-lottu u li minn dan il-logħob seta' kellha xi fortuna wkoll.

Minħabba f'dan, persuna jew persuni setgħu ħadu l-impressjoni li Vella seta kellha aktar flus milli verament kellha u li kienet qiegħda żżomm dawn il-flus u d-deheb fid-dar tagħha.

Għalkemm sar kull sforz sabiex jiġu mikxufa l-persuni responsabbli minn dan il-qtil, sfortunatament dawn għadhom jiġru mas-saqajn!

Guess who's the worst enemy of Sharks?



Now , Guess who's the worst enemy of car Thieves?




# Why Clifford?

Come and see our demonstrations,
and you'll notice why!

# Where?




CODE M SYSTEMS

SYSTEMS - CODE M SYSTEMS - CODE M
5 Years
GUARANTEE

New M'Skala Bypass Zabbar
(opposite MediStone)

tel:801065

www.codemsystems.com

Made in U.S.A.
To the most rigorous standards
CLIFFORD
WORLD-CLASS AUTO SECURITY™

# Għaqda Pulizija Pensjonanti

**(Affiljata mal-Kunsill Nazzjonali ta' l-Anzjani)**

**TAGHRIF DWAR L-ATTIVITAJIET TAL-GHAQDA, MIĠBURA MINN VINCENT P. ZAHRA VIĊI-PRESIDENT**



Bħas-snin għaddew il-Kumissarju tal-Pulizija, s-sur Ġorġ Grech stieden lill-Pulizija Pensjonanti kollha flimkien man-nisa tagħhom għal-quddiesa ta' radd il-ħajr li saret fil-Kappella tal-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija nhar il-Ħadd 9 ta' Jannar ta' din is-sena.

Wara l-quddiesa il-Kummissarju flimkien mas-Sinjura Grech laqgħu lill-pensjonanti u n-nisa tagħhom għas-soltu "re-union" u riċeviment fl-Officer's Mess.

Numru sabiħ ta' Pensjonanti attendew għal din l-okkazjoni.

Il-Ħadd ta' qabel saret l-istess attivita għall-Pensjonanti Għawdxin u n-nisa tagħhom fis-sala tat-Tiġrija Palazz, fejn ukoll numru sabieħ iltaqaw mall-kummissarju u s-Sinjura Grech flimkien ma' l-Uffiċjali tal-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti.

Għan-nom tal-Kunsill tal-Għaqda u tal-Pensjonanti kollha nirringrazzjaw lill-Kummissarju, s-Sinjura Grech, u lill-Uffiċjali u membri tal-korp li kull sena jagħtu l-kontribut tagħhom biex dawn l-attivitajiet jirnexxu b'suċċess. Grazzi

Wara talba li Kunsill għamel lill-Kummissarju s-Sur Ġorġ Grech biex il-Membri tal-Korp, u dawk pensjonanti jkollhom "Oqbra" għalihom, bħal dawk li għandhom Malta, l-Kummissarju ħa azzjoni mill-ewwel u għandhom pjaċir navżaw li din it-talba ġiet milqugħa u se jieħu passi biex jiġi dekorati l-oqbra li se jsiru.

Qed inġibu r-risposta li rċieva l-Kummissarju u aħna nirringrazzjawh ta' l-azzjoni li ħa mmedjata u lil dawk kollha li taw l-għajnuna tagħhom.



## L-Istorja sportiva tal-Pulizija Maltija

F'Egħluq il-185 sena mit-twaqqif tal-korp, il-Malta Police Association, flimkien ma' l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti ippublikaw ktieb li jitratta l-istorja Sportiva tal-Pulizija Maltija (1881-1981) xogħol tal-ex Spettur Alfred Debattista.

Il-ktieb, li fih 184 paġna u madwar 200 ritratt (li ħafna minnhom qatt ma' dehru qabel), jitratta l-attivitajiet ta' individwi u teams rappreżentattivi f'diversi dixxiplini sportivi bħal-Atletika, Arti-Marzjali, Boxing, Basketball, Bodybuilding, Wrestling, Billiards u Snooker, Qdif, Referees, Sparar fuq il-Plattini, Tennis, Għawm/Waterpolo u football, f'medda ta' 100 sena bejn l-1881 u l-1981.

Dan il-ktieb jinsab għal bejgħ għand il-librar ewlenin fil-Belt Valletta iżda għal membri tal-korp u għal pensjonanti, il-prezz (issussidjat) huwa ta' Lm3 biss (paper bound). Hemm numru limitat ieħor ta' kopji (Hard bound). Kopji tal-ktieb jistgħu jiġu akkwistati minn għand P.S. 512 Martin Ellul - C.M.R.U. fil-Kwartieri Ġenerali.

